MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2090/2004

**Carmelo Schembri ID 439523M**

**vs**

**Joseph Cauchi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm698.99) in linea ta' danni mgarrba mill-attur in segwitu ghall-incident stradali li sehh San Gwann fil-5 ta' Marzu, 2004 bejn karozza Opel numru LCG 989 misjuqa mill-attur u ERF numru BAD 023 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh tort tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) ta' konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali**

**mibghuta ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal:**
**i. illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija tal-attur;**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni skond il-ligi;**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-attur;**
**iv Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**
**Bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Schembri, Damian Schembri u Joseph Cauchi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-3 ta' Mejju, 2004 ghall-habta tat-8.30am, hdejn ir-roundabout il-kbira li mill-Msida taghti ghall-Kappara u ghat-Triq Regjonali, cioe` r-roundabout fejn kien hemm it-tank tal-gass. Il-vetturi nvoluti fil-kollizjoni kienu il-vettura LCG-989 misjuqa mill-attur u t-truck bin-numru BAO-023 misjuq mill-konvenut.**
**2. Jirrizulta li l-attur kien gej mid-direzzjoni tal-Universita` miexi fil-karregjata ta' gewwa nett, u ried imur fid-direzzjoni tal-Kappara. Jirrizulta li jsuq wara l-attur kien hemm ibnu Damian Schembri. Jirrizulta li l-attur kien xeghel l-indicator biex jissenjala li ried idur fuq ix-xellug biex jitla' lejn il-Kappara.**
**3. Jirrizulta li t-truck kien miexi fil-karregjata tan-nofs u ried jibqa' sejjer ghad-dritt.**
**4. Jirrizulta mix-xhieda ta' Damian Schembri li kien hemm vettura ohra fuq il-lemin tat-truck, u il-konvenut kien qed jissorpassaha, u kien ghalhekk li l-konvenut genneb lejn ix-xellug bil-konsegwenza li sehhet il-kollizjoni.**

**5. It-Tribunal jirrileva li tenut kont tal-kobor tal-vettura li kien qed isuq, il-konvenut kellu obbligu li juza l-massima diligenza. Il-konvenut stess jghid li ra lill-attur miexi ftit il-quddiem aktar minnu u li dan mar lejn it-tela' li taghti ghal San Gwann.**
**6. L-attur induna bit-truck meta ra d-dell ta' dan gej fuqu. Jirrizulta li l-konvenut laqat lill-attur fil-bieba ta' wara kif ukoll fil-bieba ta' quddiem u l-mera. Id-daqqa fil-fatt kellha sembjanza ta' tkaxkira da parti tat-truck fuq il-vettura tal-attur.**
**7. Jinghad ukoll li r-ritratti Dok.EE, FF u GG juru bic-car li l-vettura tal-attur kienet fil-karregata taghha. L-attur ma kienx qed jikser lejn il-lemin izda lejn ix-xellug, filwaqt li d-daqqa giet kjarament mill-ispostament li ghamel il-konvenut lejn ix-xellug, spostament li bih beda biex laqat lill-attur fil-bieba ta' wara u kompla jkaxkar mieghu.**
**8. Ghalhekk ghal din il-kollizzjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut li naqas milli jzomm "proper look out" ghall-vetturi li kien hemm quddiemu u mal-genb tieghu.**
**9. Id-danni jirrizultaw fl-ammont mitlub skond id-dokumenti esebiti Dok.A sa Dok.G.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm698.99), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) ta' konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap.104 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------